

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-26 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber) — Ir-Renju Unit) — The Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs vs Able UK Ltd

(Kawża C-225/11) ⁽¹⁾

(VAT — Direttiva 2006/112/KE — Eżenzjonijiet — Artikolu 151(1)(c) — Operazzjoni ta' żmuntaġġ ta' bastimenti li ma għadhomx jintużaw mill-flotta Amerikana magħmula fit-territorju ta' Stat Membru)

(2012/C 174/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinvju

Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: The Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs

Konvenuta: Able UK Ltd

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber) (Ir-Renju Unit) — Interpretazzjoni tal-Artikolu 151(1)(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Eżenzjonijiet fir-rigward ta' ċerti operazzjonijiet imqabbla mal-esportazzjonijiet — Operazzjoni ta' żmuntaġġ ta' bastimenti li ma għadhomx jintużaw mill-flotta Amerikana magħmula fit-territorju ta' Stat Membru

Dispożittiv

L-Artikolu 151(1)(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li provvista ta' servizzi, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, magħmula fi Stat Membru kontraenti fit-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana u li tikkonsisti fżejj-żmuntaġġ ta' bastimenti li ma għadhomx jintużaw mill-flotta ta' Stat ieħor kontraenti f'dan it-trattat, hija, abbażi ta' din id-dispożizzjoni, eżenti mit-taxxa fuq il-valur miżjud biss meta:

- din il-provvista hija magħmula għal impiegati tal-forzi armati ta' dan l-Istat ieħor li jipparteċipaw fl-isforz komuni tad-difċha jew għall-impiegati ċivili li jakkumpanjawhom, u li
- din l-istess provvista hija magħmula għal impiegati tal-imsemmija forzi armati stazzjonati jew fuq żjara fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew għall-impiegati ċivili li jakkumpanjawhom.

⁽¹⁾ ĠU C 211, 16.07.2011.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-3 ta' Mejju 2012 — Legris Industries SA vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-289/11 P) ⁽¹⁾

(Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-attrezzaturi tar-ram u tal-liga tar-ram — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Multi — Kumpanija parent u kumpannija sussidjarja — Imputabbiltà tal-agħir li jikkostitwixxi ksur)

(2012/C 174/18)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Legris Industries SA (rappreżentanti: A. Wachsmann u S. Thibault-Liger, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: C. Giolito, aġġent)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tmien Awla) tal-24 ta' Marzu 2011 — Legris Industries vs Il-Kummissjoni (T-376/06) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċāħdet ir-rikors għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 4180 finali, tal-20 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F-1/38.121) — Attrezzaturi — Settur tal-attrezzaturi tar-ram u tal-liga tar-ram — Ksur ta' dritt għal qorti indipendenti u imparżjali — Imputabbiltà tal-agħir li jikkostitwixxi ksur — Ksur tal-prinċipji ta' trattament ugwali, ta' responsabbiltà individuali u ta' individwalità tal-pieni — Żnaturament tal-provi

Dispożittiv

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) Legris Industries SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 252, 27.08.2011

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-3 ta' Mejju 2012 — Comap SA vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-290/11 P) ⁽¹⁾

(Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-attrezzaturi tar-ram u tal-liga tar-ram — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Multi — Tul tal-ksur — Kunċett ta' "kontinwitā")

(2012/C 174/19)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Comap SA (rappreżentanti: A. Wachsmann u S. de Guigné, avukati)